**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 7 TA' JANNAR, 2002

**Numru: 29**

**Avviz Nru: 957/01AE**

**Mark Calleja u Lilian Calleja**

**vs**

**Guido Aguis Furniture Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba ta' l-atturi li permezz tieghu talbu l-hlas lura tas-somma ta' erbgha mija u hamsin lira Maltija (Lm450), depozitu mhallas minhom lis-socjeta konvenuta ghal ordni ta' xoghol ta' injam li saret fil-21 ta' Marzu 2001 ghall-prezz ta' elf u hamsin lira Maltija (Lm1,050) u liema xoghol kellu jigi

kkonsenjat mhux iktar tard minn Mejju 2001 u baqa' ma giex konsenjat fiz-zmien pattwit.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta li permezz taghha eccepiet li ma kienux jezistu ragunijiet validi sabiex tithassar l-ordni mill-atturi u talbu li jigi applikat l-Artikolu 1640(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

Ra wkoll it-talba rikonvenzjonali li saret mis-socjeta konvenuta u li permezz taghha talbet il-hlas ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) skond dak li jiddisponi l-Artikolu 1640(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fil-15 ta' Marzu 2001 is-socjeta attrici tat stima ghal xoghol ta' injam li jikkonsisti f'balavostri ta' l-injam ghal tarag li hemm fid-dar ta' l-atturi.

2. Fil-21 ta' Marzu 2001 l-atturi ghamlu l-ordni u bhala depozitu hallsu s-somma ta' erbgha mija u hamsin lira Maltija

(Lm450). Jirrizulta li l-prezz tax-xoghol kien fis-somma ta' elf u hamsin lira Maltija (Lm1,050).

3. Mill-ordni (fol. 3) jirrizulta li x-xoghol kellu jitlesta f'Mejju 2001.

4. Mill-provi rrizulta wkoll li l-atturi kienu regolarment icemplu fl-ufficcju tas-socjeta konvenuta sabiex jaraw fhix wasal ix-xoghol. Ghalkemm kienu jsaqsu biex jitkellmu mad-direttur tas-socjeta konvenuta, kienu jitkellmu mas-segretarja. L-atturi spjegaw ukoll li meta saret l-ordni kienu ghamlu premura mas-socjeta konvenuta li x-xoghol jitlesta fiz-zmien, u dan peress li l-attrici kienet qeghda tistenna tarbija u riedu jaghmlu l-poggaman tat-tarag fl-iqsar zmien possibbli sabiex inehhu l-periklu.

5. Ix-xoghol baqa' ma tlestix f'Mejju 2001. Is-socjeta konvenuta qeghda tikkontendi li x-xoghol ma tlestix fiz-zmien peress li matul dak il-perjodu il-haddiema li kienu jahdmu fuq it-torn kienu bis-*sick leave* u ma kienx hemm min jahdem l-ordni. Permezz ta' ittra datata 7 ta' Lulju 2001 (fol. 17) is-socjeta konvenuta baghtet tinforma lill-atturi li: *"ma nistax illestilek ix-xoghol qabel 20 ta' Lulju 2001 minhabba li ghad ghandi problemi ta' nuqqas ta' impjegati"*.

6. Id-direttur as-socjeta attrici – Guido Agius - xehed (fol. 38) li:

- L-ordni kellha titlesta f'Mejju 2001 u nhadmet f'Awissu 2001. Qabel dakinhar kien sar ix-xoghol ta' inkullar;
- Matul ix-xahar ta' Awissu 2001 il-kumpannija ghalqet ghal vaganzi ghall-perjodu ta' gimghatejn;
- Ix-xoghol dam ghaddej *"qisu tlett ijiem"*.
- L-impjegati li kienu bis-*sick leave* kienu Gowdin Duca li ma rraportax ghax-xoghol mis-6 ta' Marzu sat-8 ta' Marzu u mit-18 ta' April sal-21 ta' April. L-impjegat l-iehor huwa Carlos Aquilina li ma rraportax ghax-xoghol mit-3 ta' April sas-6 ta' April u mill-11 ta' April sas-16 ta' April. Dan l-istess impjegat kien wegga' fuq il-post tax-xoghol u ghamel mit-22 ta' Gunju sas-16 ta' Lulju barra mix-xoghol.
- Huwa rcieva l-ittra datata 3 ta' Awissu 2001 u li ntbaghtet mill-avukat ta' fiducja ta' l-atturi, permezz ta' liema gie nfurmat li l-ordni kienet qeghda tithassar minhabba ksur ta' ftehim. Permezz ta' dik l-ittra s-socjeta attrici ntalbet thallas lura s-somma ta' erbgha mija u hamsin lira Maltija (Lm450) li thallset bhala depozitu.
- Mid-data ta' l-ordni, l-ewwel darba li tkellem ma' l-atturi kien fit-28 ta' Awissu 2001. Kien dakinhar li huwa sar jaf li l-atturi kienu ordnaw ix-xoghol minghand haddiehor.

- Ghalkemm is-socjeta attrici kienet taf li l-atturi hassru l-ordni, ix-xoghol xorta baqa’ jsir peress li ma kellhomx raguni valida sabiex ihassruha.
- Ordni bhal dik li ghamlu l-atturi tinhadem fi zmien sbatax-il jum.

7. L-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi: 1640.

*“(1) Min jaghti x-xoghol jista' jholl, meta jrid, il-kuntratt, galkemm ix-xoghol ikun digà beda.*

*(2) Jekk ma jkunx hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu flimkien ma' somma li tigi meqjusa mill-qorti, skond ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt.*

*(3) Jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez ta' l-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies ta' l-utilità ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*

*(4) Kull somma moghtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inhall ghandha tigi applikata ghal dak dovut skond is-subartikolu (2) jew (3) ta' dan l-artikolu u l-appaItatur ghandu jrodd lil min ikun ta x-xoghol kull eccess li jirrizulta.*

*(5) Il-kuntratt jinhall immedjatament malli min ikun ta x-xoghol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-decizjoni tieghu li jholl il-kuntratt, u dan bla htiega ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti".*

8. Minn qari ta' dan il-provvediment jirrizulta bl-iktar mod cjar li l-atturi kellhom d-dirtt li jitterminaw l-appalt. Hekk kif is-socjeta attrici (l-appaltatur) giet infurmata mill-atturi li hassru l-ordni, il-kuntratt ***"jinhall immedjatament…. u dan bla htiega ta' ebda awtorita' jew konferma mill-qorti"***.

9. Irid jigi nvestigat jekk l-atturi kellhomx raguni validi li jhollu l-kuntratt. Skond il-ftehim l-ordni kellha titlesta sa Mejju 2001. Mill-provi jirrizulta li l-atturi ma qabdux u tterminaw l-appalt mill-ewwel, izda stennew u taw l-opportunita lis-socjeta konvenuta sabiex tlesti x-xoghol. Fil-fatt ghaddew xahrejn ohra minn meta kellu jitlesta x-xoghol. L-appaltatur baqa' ma onorax l-obbligu tieghu u l-atturi tterminaw l-appalt. Ix-xoghol tlesta gimghat wara li s-socjeta konvenuta kienet giet infurmata mill-atturi li l-ftehim

kien inhall. Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta konvenuta ma rnexxilhiex taghti prova li kien hemm xi raguni ghalfejn ix-xoghol ma tlestix fiz-zmien pattwit.

10. Saz-zmien li fih kellu jitlesta x-xoghol (igifieri Mejju 2001) kienu biss sbatax-il jum li fihom impjegat jew iehor tas-socjeta konvenuta ma rraportax ghax-xoghol. It-Tribunal ma jemminx li dawn il-granet setghu tefghu lis-socjeta konvenuta daqstant lura f'xogholha u li tqieghdet f'impossibilta li tonora l-obbligi taghha. Dan apparti l-fatt li s-socjeta konvenuta ma ressqitx provi ta' l-ordnijiet li kellha x'jinhadmu matul dan iz-zmien u/jew li tali ordnijiet kienu marbutin bi zmien li kien jaghlaq qabel dak ta' l-atturi jew fl-istess zmien. L-arrangamenti li jsiru f'kumpannija sabiex jitlesta x-xoghol u tonora l-obbligi taghha fiz-zmien pattwit, hija kwistjoni li m'ghandhiex tikkoncerna jew tolqot lil min jordna x-xoghol.

11. Wahda mill-kondizzjonijiet li hemm fl-ordni hija *"jista' jkun hemm xi dewmien fix-xoghol minhabba affarijiet li ma jistghux jigu kkontrollati, bhal Sick Leave"*. B'danakollu din il-kondizzjoni ma tatix xi *carte blanche* lis-socjeta konvenuta sabiex ittawwal bla bzonn u kemm trid hi z-zmien li jkun gie miftiehem mal-klijent. Fil-kaz odjern it-Tribunal m'huwiex sodisfatt li kienu jezistu *"affarijiet li ma jistghux jigu kkontrollati"*. Ghalkemm it-Tribunal jifhem li matul dawk l-

isbatax il-gurnata x-xoghol li kien qieghed isir fid-dipartiment fejn kienu jahdmu z-zewg haddiema seta' mar xi ftit lura, ic-cirkostanzi zgur li ma kienux tali li jiggustifika dewmien ta' xhur.

12. In vista tac-cirkostanzi l-Artikolu 1640(2) ma jsibx applikazzjoni. Inoltre, ma jistax jigi applikat l-Artikolu 1640(3) peress li mill-ispejjez u xoghol li sar mis-socjeta konvenuta ma jirrizultax li l-atturi hadu xi utilita'.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lura s-somma ta' erbgha mija u hamsin lira Maltija (Lm450), somma li thallset bhala depozitu meta saret l-ordni fil-21 ta' Marzu 2001; u

2. Jichad it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta konvenuta.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu esklussiv tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**